

Brussell, 9 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11527/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0053(COD)

CODEC 961
AGRILEG 118
SEMENCES 9
PE 68

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mill-5 sat-8 ta' Ottubru 2020)

I. INTRODUEZZJONI

Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fil-25 ta' Settembru 2020, ir-rapporteur, Veronika VRECIKOVÁ (ECR, CZ), ippreżentat rapport fisem il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bil-għan li jieħu f'idejha il-proposta tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-grupp politiku ID ressaq żewġ emendi (l-emendi numru 1 u 2).

II. VOTAZZJONI

Meta vvota fis-6 ta' Ottubru 2020, il-Parlament irrifjuta l-emendi numru 1 u 2, u fis-7 ta' Ottubru 2020, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P9_TA-PROV(2020)0254

Ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna (COM(2020)0137 – C9-0100/2020 – 2020/0053(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0137),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0100/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Settembru 2020¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0164/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuh tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja³,

² Opinjoni tat-18 ta' Settembru 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE⁴ tipprevedi li, f'ċerti kundizzjonijiet, l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fuq ċerti wċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni iridu jitqiesu bħala ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post li jitwettqu skont il-liġi tal-Unjoni, u li, taħt ċerti kundizzjonijiet, iż-żerriegħa ta' ċerti speċi taċ-ċereali prodotta f'dawk il-pajjiżi trid titqies bħala ekwivalenti għaż-żerriegħa prodotta skont il-liġi tal-Unjoni.
- (2) L-Ukrajna ressqet talba lill-Kummissjoni għall-għoti tal-ekwivalenza lis-sistema tagħha tal-ispezzjonijiet fuq il-post ta' wċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali, kif ukoll liż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta u ċċertifikata fl-Ukrajna.
- (3) Il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Ukrajna, u, abbażi ta' awditu li twettaq fl-2015 rigward is-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali fl-Ukrajna, u tal-ekwivalenza tal-istess sistema mar-rekwiżiti tal-Unjoni, ippubblikat is-sejbiet tagħha f'rapport imsemmi "Rapport finali ta' awditu mwettaq fl-Ukrajna bejn is-26 ta' Mejju 2015 u l-04 ta' Ġunju 2015 biex tiġi vvalutata s-sistema ta' kontrolli uffiċjali u taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa taċ-ċereali fl-Ukrajna, u l-ekwivalenza tal-istess sistema mar-rekwiżiti tal-Unjoni".

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10).

- (4) Wara l-awditu, ġie konkluż li l-ispezzjonijiet fuq il-post tal-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa, it-teħid tal-kampjuni, l-ittestjar u l-kontrolli uffiċjali li jsiru wara taż-żerriegħa taċ-ċereali jitwettqu kif xieraq u jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiiiti fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2003/17/KE u r-rekwiżiti rispettivi stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE⁵. Barra minn hekk, ġie konkluż li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-implimentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni taż-żerriegħa fl-Ukrajna huma kompetenti u joperaw kif xieraq.
- (5) Għalhekk huwa xieraq li tingħata l-ekwivalenza fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali fl-Ukrajna, u fir-rigward taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna u ċċertifikata uffiċjalment mill-awtoritajiet tagħha.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2003/17/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa taċ-ċereali (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309)

Artikolu 1

Emendi lid-Deċiżjoni 2003/17/KE

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2003/17/KE huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tabella, ir-ringiela li ġejja tiddaħħal bejn "TR" u "US":

"UA	Ministry of Agrarian Policy and Food of Ukraine Khreshchatyk str., 24, 01001, KYIV	66/402/KEE"
-----	--	-------------

(b) fin-nota f'qiegħ il-paġna tat-tabella, it-termini li ġejjin jiddaħħlu bejn "TR — it-Turkija," u "US — l-Istati Uniti,":

"UA — l-Ukrajna,".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
